I

*(Atti leġiżlattivi)*

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/2269

**tas-7 ta' Diċembru 2017**

**li tistabbilixxi Qafas Pluriennali għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2018–2022**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 352 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxi f'konformità ma' proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Sabiex l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ("l-Aġenzija") tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha sew, jenħtieġ li jiġi adotatt Qafas Pluriennali li mill-Kunsill kull ħames snin, li jiddetermina l-oqsma tematiċi tal-attività tal-Aġenzija skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 ([2]).

(2) L-ewwel Qafas Pluriennali ġie stabbilit permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/203/KE ([3]). It-tieni Qafas Pluriennali ġie stabbilit permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 252/2013/UE ([4]).

(3) Il-Qafas Pluriennali għandu jitwettaq biss fl-ambitu tal-liġi tal-Unjoni.

(4) Il-Qafas Pluriennali għandu jkun allinjat mal-prijoritajiet tal-Unjoni, filwaqt li jittieħed kont dovut tal-orjentamenti li jirriżultaw mir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u mill-konklużjonijiet tal-Kunsill fil-qasam tad-drittijiet fundamentali.

(5) Il-Qafas Pluriennali għandu jagħti l-importanza dovuta lir-riżorsi finanzjarji u umani tal-Aġenzija.

---

([1]) Kunsens tal-1 ta' Ġunju 2017 (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1).
([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/203/KE tat-28 ta' Frar 2008 li timplimenta r-Regolament (KE) Nru 168/2007 fir-rigward tal-adozzjoni ta' Qafas Pluriennali għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2007-2012 (ĠU L 63, 7.3.2008, p. 14).
([4]) Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 252/2013/UE tal-11 ta' Marzu 2013 li tistabbilixxi Qafas Multiannwali għall-2013-2017 għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (ĠU L 79, 21.3.2013, p. 1).

(6) Il-Qafas Pluriennali jinħtieġ li jinkludi dispożizzjonijiet bl-iskop li tiġi żgurata l-komplementarjetà mal-mandat ta' korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni, u kif ukoll mal-Kunsill tal-Ewropa u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra attivi fil-qasam tad-drittijiet fundamentali. L-iktar korpi, uffiċċji u aġenziji rilevanti tal-Unjoni fir-rigward ta' dan il-Qafas Pluriennali huma: l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil (EASO), stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1]; l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 [2] u mogħtija l-isem il-ġdid bir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3]; in-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE [4]; l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [5]; il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (EDPS), stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [6]; l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA), stabbilta bir-Regolament (KE) Nru 526/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [7]; il-Eurojust, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI [8]; l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol), stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI [9]; l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), stabbilita bir-Regolament (UE) 2015/2219 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [10]; il-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound), stabbilita bir-Regolament (KEE) Nru 1365/75 tal-Kunsill [11]; u l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja (eu-LISA), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [12].

(7) L-oqsma tematiċi ta' ħidmet l-Aġenzija jinħtieġ li jinkludu l-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata.

(8) Fid-dawl tal-importanza tal-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali għall-Unjoni, li għamlitha bħala waħda mill-ħames miri tal-istrateġija għat-tkabbir Ewropa 2020, l-Aġenzija għandha tqis il-prekondizzjonijiet ekonomiċi u soċjali li jippermettu tgawdija effettiva tad-drittijiet fundamentali meta tiġbor u tqassam data fi ħdan l-oqsma tematiċi stabbiliti minn din id-Deċiżjoni.

(9) Fit-tħejjija tal-proposta tagħha, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija u rċeviet opinjoni bil-miktub fl-1 ta' Marzu 2016. Il-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija reġgħa ġie kkonsultat fil-laqgħa tiegħu fid-19 u l-20 ta' Mejju 2016.

(10) L-Aġenzija, fuq talba tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni, u sakemm ir-riżorsi finanzjarji u umani tagħha jkunu jippermettu dan, tista' taħdem barra mill-oqsma tematiċi determinati mill-Qafas Pluriennali, skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007,

---

[1] Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11).

[2] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1).

[3] Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1).

[4] Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE tal-14 ta' Mejju 2008 li tistabbilixxi Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni (ĠU L 131, 21.5.2008, p. 7).

[5] Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9).

[6] Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

[7] Regolament (UE) Nru 526/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 460/2004 (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 41).

[8] Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI tat-28 ta' Frar 2002 li tistabbilixxi Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja (ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1).

[9] Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) (ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37).

[10] Regolament (UE) 2015/2219 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI (ĠU L 319, 4.12.2015, p. 1).

[11] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għal titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1).

[12] Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Qafas Pluriennali**

1. Qafas Pluriennali għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ("l-Aġenzija") huwa stabbilit għall-perjodu 2018–2022.

2. L-Aġenzija għandha, f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 168/2007, twettaq il-kompiti ddefiniti fl-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament fl-ambitu tal-oqsma tematiċi stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

**Oqsma tematiċi**

L-oqsma tematiċi għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) il-vittmi tal-kriminalità u l-aċċess għall-ġustizzja;

(b) l-ugwaljanza u diskriminazzjoni ibbażata, b'mod partikolari, fuq is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali jew minħabba n-nazzjonalità;

(c) is-soċjetà tal-informazzjoni u, b'mod partikolari, ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-dejta personali;

(d) kooperazzjoni ġudizzjarja, ħlief f'materji ta' kriminalità;

(e) il-migrazzjoni, il-fruntieri, l-ażil u l-integrazzjoni tar-refuġjati u l-migranti;

(f) ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata;

(g) id-drittijiet tat-tfal;

(h) l-integrazzjoni u l-inklużjoni soċjali tar-Rom.

*Artikolu 3*

**Komplementarjetà u kooperazzjoni ma' korpi oħra**

1. Sabiex jiġi implimentat il-Qafas Pluriennali, l-Aġenzija għandha tiżgura kooperazzjoni u koordinazzjoni xierqa ma' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji rilevanti tal-Unjoni, mal-Istati Membri, ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u mas-soċjetà ċivili, f'konformità mal-Artikoli 6, 7, 8 u 10 tar-Regolament (KE) Nru 168/2007.

2. L-Aġenzija għandha tittratta kwistjonijiet relatati mad-diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru biss bħala parti minn, u sal-punt rilevanti għal, xogħolha li għandu jsir fuq il-kwistjonijiet ġenerali tad-diskriminazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 2, filwaqt li tieħu kont tal-fatt li huwa l-kompitu tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) li jiġbor id-dejta dwar l-ugwaljanza bejn il-sessi u d-diskriminazzjoni bejn is-sessi. L-Aġenzija u l-EIGE għandhom jikkooperaw f'konformità mal-ftehim ta' kooperazzjoni tat-22 ta' Novembru 2010.

3. L-Aġenzija għandha tikkoopera ma' korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni bħalma huma l-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound), f'konformità mal-ftehim ta' kooperazzjoni tat-8 ta' Ottubru 2009; l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), f'konformità mal-ftehim ta' kooperazzjoni tas-26 ta' Mejju 2010; l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil (EASO), f'konformità mal-ftehim ta' ħidma tal-11 ta' Ġunju 2013; il-Eurojust, f'konformità mal-memorandum ta' ftehim tat-3 ta' Novembru 2014; u l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operazzattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja (eu-LISA), f'konformità mal-ftehim ta' ħidma tas-6 ta' Lulju 2016. Barra minn hekk, hija għandha tikkoopera mal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) u n-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni, f'konformità mal-ftehimiet ta' kooperazzjoni futuri. Il-kooperazzjoni ma' dawk il-korpi għandha tkun limitata għal attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-oqsma tematiċi stabbiliti fl-Artikolu 2.

4. L-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti tagħha fir-rigward tas-soċjetà tal-informazzjoni u, b'mod partikolari, ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-dejta personali f'kooperazzjoni ma', u b'mod li jikkomplementa l-ħidma tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (KEPD), il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea(JRC).

5. L-Aġenzija għandha tikkoordina l-attivitajiet tagħha ma' dawk tal-Kunsill tal-Ewropa f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 168/2007 u l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-Kunsill tal-Ewropa ([1]), imsemmi f'dak l-Artikolu.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2018.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Diċembru 2017.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
A. ANVELT

([1]) Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa dwar kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-Kunsill tal-Ewropa (ĠU L 186, 15.7.2008, p. 7).